MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tad-29 ta' April, 2008

Talba Numru. 1461/2005

**Talba Nru: 1461/05 PBC**

**Anthony Grech – I.D. 731233(M)**

**-vs-**

**Claire Calleja**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-Talba li biha l-attur talab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta’ disa’ mija u tnejn u erbghin Euro u sebghin centezmu (€942.70) - (Lm404.70c) rapprezentanti danni kagunati fil-vettura tal-attur Skoda Felicia bin-numru ta’ registrazzjoni ABG352 nhar it-30 ta’ Jannar, 2005 fi Triq ix-Xghajra, Zabbar waqt

li l-konvenuta ghamlet *U-turn* fl-istess triq u baqghet diehla fil-karozza tieghu.

Ra r-risposta tal-konvenuta li biha wiegbet illi preliminarjament l-azzjoni tal-attur huwa rritu u null u dan stante l-fatt li skond l-Avviz Legali 420/2004 u 421/2004 li dahlu fis-sehh fl-24 ta' Settembru, 2004 kwistjonijiet u talbiet rigwardanti vetturi ghandhom jinstemghu quddiem ic-Centru tal-Arbitragg u ghalhekk dan it-Tribunal m'ghandu l-ebda kompetenza li jiehu konjizzjoni ta' talba bhal din. Illi bla pregudizzju ghas-suespost it-talbiet atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra d-decizjoni preliminari ta' dan it-Tribunal tal-14 ta' Frar, 2007 huwa rraviza potenzjali konflitt bejn id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 380, Att dwar it-Tribunal tat-Talbiet Zghar u l-Kapitolu 387 – Att dwar l-Arbitragg u ghamel referenza kostituzzjonali ta' dan l-punt lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili.

Illi b'sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili in Sede Kostituzzjonali tad-19 t'Ottubru, 2007 il-Qorti rriteniet illi l-Avviz Legali 279 tal-2005 li emenda l-Kapitolu 387 fuq imsemmi fejn jolqot kazijiet li jaqghu taht il-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal imur kontra l-provvedimenti tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja (Kapitolu 319) u kwindi m'humiex vinkolanti u ma jorbtux lil dan it-Tribunal.

Illi l-Avukat Generali li kien intimat fl-imsemmija proceduri quddiem il-Prim' Awla in Sede Kostituzzjonali appella minn din id-decizjoni u b'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tad-29 ta' Frar, 2008 giet imhassra u revokata s-sentenza tad-19 t'Ottubru, 2007 fuq imsemmija u dan billi gie ritenut illi dan it-Tribunal ma jistax jirreferi kwistjoni kostituzzjonali lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili kif effettivament kien sar bid-decizjoni tal-14 ta' Frar, 2007 u l-atti gew mibghuta lura lil dan it-Tribunal biex dan it-Tribunal jiddeciedi l-vertenza jew vertenzi li ghandu quddiemu, nkluz l-Artikolu 7 tal-Kap. 380.

Illi l-process gie rimess lil dan it-Tribunal u fis-seduta tal-15 t’April, 2008, il-partijiet qablu li din il-kawza tista’ tmur ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari.

Illi skond id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 380, fl-Artikolu 3 huwa specifikat kif ser jinghad:

“3. (1) Ghandu jkun hemm Tribunal li jkun maghruf bhala t-Tribunal ghal Talbiet Zghar

(2) Bla hsara ghas-subartikolu 5, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikollu gurisdizzjoni biex jisma’ u jaqta’ biss it-tilwimiet kollha ta’ flus t’ammont ta’ mhux izjed minn tlett elef, erba’ mija u erbgha u disghin Euro u sitt centezmi (€3,494.06).
….ommissis…”

Illi huwa evidenti abbazi tal-premess illi l-kawza odjerna tirrientra taht il-gurisdizzjoni u kompetenza ta’ dan it-Tribunal.

Fis-sentenza fuq imsemmija tal-Qorti Kostituzzjonali, dan it-Tribunal gie invitat biex japplika wkoll l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 380 li jiddisponi kif ser jinghad:

“7. (1) It-Tribunal ghandu jaqta’ kull talba u kontro-talba li jkollu quddiemu principalment skond l-ekwita`: izda, f’kull kaz, kull kwistjoni li jista’ jkun hemm dwar il-preskrizzjoni ghandha tinqata’ skond il-ligi.

(2) It-Tribunal ghandu jissospendi l-procedimenti tieghu jekk – (a) il-parti tattakka t-talba bil-mezz t’eccezzjoni, li tinvolvi kwistjoni li taqa’ barra mill-gurisdizzjoni tat-Tribunal; u/jew (b) jkun hemm pendenti quddiem Qorti kompetenti azzjoni, li l-ezitu taghha jkun jolqot it-talba li t-Tribunal ikollu quddiemu.”

Illi fid-dawl tal-premess huwa evidenti illi l-eccezzjoni fuq imsemmija ma tolqotx kwistjoni li taqa’ barra l-gurisdizzjoni ta’ dan it-Tribunal galadarba l-Kapitolu 380 ma giex emendat u ghadu japplika sal-lum.

Illi inoltre, l-Avviz Legali 420 tal-2004 jolqot kwistjonijiet li l-valur taghhom ma jkunx aktar minn elf u hames mitt lira Maltin u ma jeccedix l-hamest elef lira Maltin u ghalhekk ma jolqotx il-kwistjoni li jaqghu taht il-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal, filwaqt illi fl-Avviz Legali 421 jirrigwarda r-Regoli tal-2004 dwar l-Arbitragg u ma jolqtux il-proceduri ta' dan it-Tribunal.

Illi ghalhekk l-eccezzjoni kif sollevata certament ghandha tigi michuda u m'ghandha l-ebda *bearing* fuq il-vertenza odjerna.

Jista' jkun il-kaz u probabilment huwa l-kaz illi l-konvenuta qieghda taghmel referenza fil-fatt ghall-Avviz Legali 279 tal-2005 li giet kwotata minn dan it-Tribunal f'decizjoni precedenti tieghu tal-14 ta' Frar, 2007 izda galadarba l-Kapitolu 380 – Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar huwa Kapitolu tal-Ligi li huwa ligi specjali, dan it-Tribunal ihoss u huwa tal-fehma illi l-Kapitolu 380 galadarba ma giex emendat, dan ghandu jigi applikat fl-interezza tieghu minghajr mittiefes.

Konsegwentement it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuta u jiddikjara ruhu kompetenti sabiex jisma' l-vertenza odjerna u jordna l-prosegwiment tal-kaz fuq il-mertu.

Spejjez ta' din l-istanza riservati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------